Imbaghad l-irgiel kollha… u n-nisa kollha li kienu hemm, migmughin f’gemgha kbira, u l-poplu kollu li kien ighammar f’art l-Egittu, f’Patros, wiegbu lil Geremija, billi qalu: f’dak li ghidtilna f’isem il-Mulej, ma rridux nisimghuk! Izda ahna fis-sgur inwettqu kulma hareg minn fommna, billi naharqu l-incens **lis-sultana tas-sema**, u nsawbulha t-tiswib… naharqu l-incens **lis-sultana tas-sema**, u nsawbulha t-tiswib… hraqna incens **lis-sultana tas-sema**, u sawwabnielha t-tiswib… Talli intom hraqtu l-incens, u talli intom dnibtu kontra l-Mulej… Intom u n-nisa taghkom tkellimtu b’fommkom, u wettaqtuh b’idejkom, billi ghidtu: Sgur li ahna naghmlu l-weghdi li weghdna, li naharqu l-incens **lir-regina tas-sema**, u nsawbulha t-tiswib. Geremija 44:15-19, 23, 25.

**4. Nimxu wara Gesu’**

- Hemm xi post il-mejtin; fejn inkunu nistghu nitolbu u noffru ghalihom, wara **l-ghemil** li jkunu ghamlu?

Ghax Hu [Alla] jhallas bniedem skond **ghemilu**, u lil kulhadd jaghti dak li haqqha **mgibtu**! Gob 34:12.

Ghax int [Alla] trodd lil kulhadd skond **ghemilu**. Salmi 62:12.

Jien, il-Mulej… naghti lil kulhadd skond **triqatu**, u skond il-frott ta’ **ghemilu**. Geremija 17:10.

Kbir fil-fehma [il-Mulej], u setghan fl-ghemil ghax ghajnejk huma miftuhin fuq it-triqat kollha ta’ wlied il-bnedmin: biex taghti lil kull wiehed skond **imgibtu**, u skond frott **ghemilu**. Geremija 32:19.

Il-Mulej… naghmel haqq lil kull wiehed minnkom skond **triqatu**. Ezekjel 33:20.

Ghax Bin il-bniedem jigi fil-glorja ta’ Missieru ma’ l-angli tieghu; u mbaghad irodd lil kull bniedem skond **l-ghemejjel** tieghu. Mattew 16:27.

Alla; Li jrodd lil kull bniedem skond **ghemilu**. Rumani 2:6.

Ghalhekk mela kull wiehed minna jaghti kont ‘l Alla **tieghu** nnifsu. Rumani 14:12.

Kull bniedem jiehu l-hlas tieghu skond ix-xoghol **tieghu**. 1 Korintin 3:8.

Ahna ghandna qalbna qawwija, nghid jien, u rridu aktarx li nohorgu **mill-gisem**, u nghammru **mal-Mulej**… Kull wiehed jiehu l-hlas tal-hwejjeg li kien ghamel meta kien ghadu **fil-gisem**, sew tajjeb, kemm hazin. 2 Korintin 5:8, 10.

Ghax ghalija [Pawlu] l-hajja hi Kristu, u li mmut **qliegh**. Ghax jien marsus bejn zewg nahat: ghandi xewqa li nitlaq, u li nkun ma’ **Kristu**; li hu wisq ahjar: Madankollu li nibqa’ fil-gisem hu aktar mehtieg ghalikom. Filippin 1:21, 23-24.

L-Missier, li bla ma jhares lejn wicc hadd, jaghmel haqq minn kulhadd skond **ghemilu**. 1 Pietru 1:17.

Naghti [Gesu’ Kristu] lil kull wiehed minnkom skond **ghemilkom**. Ir-Rivelazzjoni 2:23.

Ha nifirhu u nithennew, u naghtuh glorja: ghax wasal it-tieg tal-Haruf, u martu hejjiet ruhha. U lilha kien moghti li tizzejjen b'ghazel fin, nadif u abjad: ghax il-ghazel fin hu **l-ghemil** tal-haqq tal-qaddisin. Ir-Rivelazzjoni 19:7-8.

U rajt il-mejtin, kbar u zghar, weqfin quddiem Alla; u nfethu l-kotba: u fetah ktieb iehor, li hu l-ktieb tal-hajja: u sar haqq mill-mejtin fuq dawk il-hwejjeg li kienu miktubin fil-kotba, skond **l-ghemejjel** taghhom. U l-bahar radd il-mejtin li kienu fih; u l-mewt u mkien il-mewt raddew il-mejtin li kienu fihom: u sar haqq minnhom kull wiehed skond **l-ghemejjel** tieghu. Ir-Rivelazzjoni 20:12-13.

U, ara, sa nigi dalwaqt [Gesu' Kristu]; u hlasi hu mieghi, biex inhallas lil kull bniedem skond **ghemilu**. Ir-Rivelazzjoni 21:12.

- Lil Min ghandna **nitolbu**?

M'ghandu jkun hemm hadd fostok… li jithaddet ma' **l-erwieh tal-mejtin**. Dewteronomju 18:10-11.

B'dan ghandna qalbna qawwija fih [Gesu' Kristu], li, jekk **nitolbuh** xi haga skond ir-rieda tieghu, jismaghna. 1 Gwann 5:15.

Min imur **aktar** 'il quddiem, u ma jibqax fit-taghlim ta' Kristu, m'ghandux 'l Alla. 2 Gwann 1:9.

- Koppja mizzewga ghandhom **jiccahdu** minn xulxin?

Madankollu, biex naharbu **z-zina**, halli kull ragel ikollu 'l martu, u kull mara jkollha 'l zewgha. Ha jaghti r-ragel lil martu dak li jisthoqqilha: u l-istess ukoll il-mara li zewgha. Il-mara m'ghandhiex setgha fuq gisimha, izda r-ragel: u l-istess ukoll ir-ragel m'ghandux setgha fuq gismu, izda l-mara. La **ticcahdux** minn xulxin, hlief biss bi ftehim ghal xi zmien, biex taghtu ruhkom ghas-sawm u t-talb; imbaghad tergghu ghal flimkien, biex Satana ma jittantakomx minhabba li ma tkunux tifilhu zzommu. 1 Korintin 7:2-5.

- X'relazzjoni bejn **il-mizzewgin**?

La taghmilx **adulterju**… kull min ihares lejn mara biex **jizni** maghha, ikun ga f'qalbu ghamel **adulterju** maghha… kull min ikecci lil martu, hlief minhabba **z-zina** [bil-Grieg porneia, bl-Ingliz sexual immorality, fornication], jgaghalha taghmel **adulterju**: u kull min jizzewweg lil dik li hi iddivorzjata jaghmel **adulterju**. Mattew 5:27-28, 32, 19:9; Mark 10:11-12; Luqa 16:18.

Ghax minn gewwa, mill-qalb tal-bnedmin, johorgu l-hsibijiet hziena, **l-adulterji, iz-zina**. Mark 7:21; Mattew 15:19.

Ghalhekk dak li **ghaqqad** [bl-Ingliz joined] Alla flimkien, ha **ma jifirdux** il-bniedem. Mark 10:9; Mattew 19:6.

N-nisa taghhom bidlu l-uzu naturali f'dak li hu kontra n-natura: Hekk ukoll l-irgiel, billi hallew l-uzu naturali tal-mara, xeghlu fil-passjoni taghhom ghal xulxin; irgiel ma' rgiel jaghmlu dak li mhux xieraq… Mimlijin b'kull deni, **zina**, dnewwa, reghba, malizzja. Rumani 1:26-27, 29.

Ghax il-mara li ghandha zewgha hi marbuta bil-ligi ma' zewgha kemm idum haj; izda jekk imut ir-ragel, ha **mahlula** [bil-Grieg deo, bl-Ingliz released] mil-ligi ta' zewgha. Rumani 7:2.

Ghalhekk: La taghmilx **adulterju**… Rumani 13:9.

Jinghadd minn kulhadd li hemm **iz-zina** fostkom, u **zina** li bhalha lanqas tinstama' fost il-Gentili, li wiehed jiehu l-mara ta' missieru… Ktibtilkom f'epistola biex ma taghmluhiex **maz-zienja**… Izda jien issa ktibtilkom biex ma taghmluhiex ma' bniedem, li… hu **zieni**. 1 Korintin 5:1, 9, 11.

Ma tafux li l-hziena ma jirtux is-saltna t'Alla? La titqarrqux: la **z-zienja**, … la **l-adulteri**, la dawk li ghandhom min-nisa, la dawk li *jiznu* mas-subjien u ma' l-irgiel… hekk kienu x'uhud minnkom… il-gisem

mhux **ghaz-zina**… min jinghaqad ma' mara **zienja** jsir gisem wiehed maghha… Aharbu **z-zina**… min **jizni** jidneb kontra gismu stess. 1 Korintin 6:9, 11, 13, 16, 18.

U lill-mizzewgin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ha ma **titlaqx** il-mara minn zewgha: Izda u jekk titlaq, ha tibqa' ma **tizzewwigx**, jew targa' taghmel paci ma' zewgha: u r-ragel ha ma **jkeccix** lil martu… Izda jekk dak li ma jemminx jinfired, ha jinfired: f'Kasijiet bhal dawn, il-hu jew l-oht mhumiex **marbutin** [bil-Grieg douloo, bl-Ingliz bondage - tfisser li Kristjan mhux **marbut** bil-kuxjenza mjassra; jahseb li gara kien tort tieghu, u mhux li jista' jholl ir-rabta taz-zwieg]: izda Alla sejhilna ghas-sliem… Marbut ma' mara? La **tfittixx** li tinhall [bil-Grieg deo, bl-Ingliz loosed]… Il-mara hi **marbuta** bil-ligi kemm idum haj zewgha: imma jekk zewgha jmut, hi **mahlula** [bil-Grieg deo, bl-Ingliz at liberty], u tista' tizzewweg lil min trid hi; biss fil-Mulej. 1 Korintin 7:10-11, 15, 27, 39.

Lanqas ghandna naghtuha **ghaz-zina**. 1 Korintin 10:8.

Ma nidmux mill-fahx u **z-zina** u t-tbahrid li ghamlu. 2 Korintin 12:21.

Issa l-ghemejjel tal-gisem, li huma maghrufin, huma dawn: **l-adulterju**, **iz-zina**… dawk li jaghmlu hwejjeg bhal dawn ma jirtux is-saltna t'Alla. Galatin 5:19-21.

La **z-zina**… ma ghandhom jissemmew darba wahda biss fostkom, kif jixraq lill-qaddisin… li l-ebda **zieni**… m'ghandu wirt fis-saltna ta' Kristu… Minhabba f'hekk, ragel ihalli lil missieru u lil ommu, u jinghaqad ma' martu, u jkunu t-tnejn gisem wiehed. Dan hu *misteru* kbir: izda jien irrid nghid ghal Kristu u l-knisja. Ghalhekk kull wiehed minnkom, hu min hu, ha jhobb lil martu bhala nnifsu; u l-mara tqis li tweggah 'il zewgha. Efesin 5:3, 5, 31-32.

Mewtu mela l-membri taghkom li huma fuq l-art: **iz-zina**, il-fahx, il-gibdiet tal-gisem… Li fihom intom ukoll imxejtu darba, meta kontu tghixu fihom. Kolossin 3:5, 7.

Ghax din hi r-rieda t'Alla: it-taqdis taghkom; li tahirbu **miz-zina**. 1 Tessalonkin 4:3; Atti 15:20, 29; 21:25.

**Ghaz-zienja**, ghal dawk li *jiznu* ma' l-irgiel u mas-subjien… 1 Timotju 1:10.

Li ma jkun hemm ebda wiehed **zieni**… Lhud 12:16.

Alla jaghmel haqq **miz-zienja** u **mill-adulteri**. Lhud 13:4.

La taghmilx **adulterju**… Gakbu 2:11.

Ja nies **adulteri**, ma tafux li l-hbiberija tad-dinja hi l-ghadu t'Alla? Ghalhekk min irid ikun habib tad-dinja, isir ghadu t'Alla. Gakbu 4:4.

Ghajnejhom mimlijin kollha **adulterju**, ma jieqfu qatt mid-dnub; iqarrqu b'erwieh li mhumiex sodi: qalbhom imharrga fi hwejjeg tar-reghba; ulied is-sahta. 2 Pietru 2:14.

Li tawha **ghaz-zina**, u ntelqu ghal dnubiet kontra n-natura, qeghdin bhala ezempju. Guda 1:7.

Imma jien [Gesu' Kristu]… kontra tieghek, ghax … jieklu hwejjeg issagrifikati lill-idoli, u **jiznu**… tghallem u thassar l-qaddejja tieghi biex **jiznu**, u jieklu hwejjeg issagrifikati lill-idoli… nixhetha… u lil dawk li **jiznu** maghha f'tahbit kbir. Ir-Rivelazzjoni 2:14, 20, 22.

Ma nidmux… **miz-zina** taghhom. Ir-Rivelazzjoni 9:21.

**Iz-zienja**… sehemhom… bin-nar u l-kubrit. Ir-Rivelazzjoni 21:8.

Ghax barra huma… **z-zienja**. Ir-Rivelazzjoni 22:15.

- X'inhu l-aqwa, min **ma jizzewwigx** jew min **jizzewweg**?

Izda hu [Gesu’] qalilhom: Mhux kull bniedem jista’ jifhem dil-kelma, hlief dawk li **jinghatalhom**. Mattew 19:11.

Imma kull wiehed ghandu **d-don** proprju tieghu minn Alla, wiehed **mod**, u l-iehor **iehor**. 1 Korintin 7:7.

- Xi kmand ta Alla fuq **xbihat**, statwi, domni u suppost lizar ta’ Kristu?

U Alla tkellem dal-kliem kollu, billi qal:

[1.] Jiena l-Mulej Alla tieghek… Ma jkollokx allat ohra quddiemi.

[2.] La **taghmel** ebda xbieha minquxa ghalik… La **tmilx** quddiemhom, u la **tqimhomx**: ghax jien, il-Mulej, Alla tieghek, Alla ghajjur…

[3.] La ssemmix isem il-Mulej, Alla tieghek, fil-batal: ghax il-Mulej ma jhallix bla kastig lil min isemmi ismu fil-batal.

[4.] Ftakar f’jum is-Sibt, biex tqaddsu.

[nota personali: Jum il-Mulej fit-Testment il-Gdid hu l-Hadd.]

[5.] Weggah lil missierek u lil ommok…

[6.] La toqtolx.

[7.] La tikkommettix adulterju.

[8.] La tisraqx.

[9.] La tghidx xhieda giddieba ghal ghajrek.

[10.] La tixtieqx dar ghajrek; la tixtieqx mart ghajrek… la l-gendus tieghu… u lanqas xejn milli hu ta’ ghajrek. Esodu 20:1-17, Dewteronomju 5:6-21.

Li ma **tithassrux**, u taghmlu ghalikom xi immagini skolpita, jew xi sura ta’xi idolu, jew ix-xbieha ta’ xi ragel… Harsu lilkom infuskom, li ma tinsewx il-ghaqda tal-Mulej, Alla taghkom, li ghamel maghkom, u taghmlu ghalikom xi

immagini skolpita, jew xi sura ta’ xi haga, li l-Mulej, Alla tieghek, ordnalek biex ma **taghmilx**. Dewteronomju 4:16, 23.

Lanqas twaqqaf ghalik **l-ebda** immagini li l-Mulej, Alla tieghek jobghodha. Dewteronomju 16:22.

Mishut ir-ragel li jaghmel xi immagini skolpita jew imdewba, haga **mistkerrha** mill-Mulej, xoghol idejn ir-ragel tas-sengha. Dewteronomju 27:15.

U ghamel [Hosegha] dak li kien sewwa f’ghajnejn il-Mulej, bhal kulma ghamel David, missieru. Nehha l-imqades tal-gholjiet, kisser l-istatwi, qatta’ l-Axera, u **farrak** is-serp tal-bronz, li kien ghamel Mose’: ghax sa dak iz-zmien ulied Izrael kienu jaharqulu l-incens: kienu semmewh Nehustan. 2 Slaten 18:3-4.

L-idoli taghhom huma fidda u deheb, xoghol idejn il-bniedem. Huma ghandhom fomm, izda ma jitkellmux; ghajnejn ghandhom, izda ma jarawx: Widnejn ghandhom, izda ma jisimghux: ghandhom l-imnieher, izda ma jxommux: Idejn ghandhom, izda ma jaqbdux bihom: riglejn ghandhom, izda ma jimxux: lanqas jitkellmu minn gerzumithom. Dawk li **jaghmluhom** huma bhalhom; hekk ukoll kull min **jittama** fihom. Salmi 115:4-8; 135:15-18.

Jien il-Mulej: dak hu ismi; u l-glorja tieghi ma naghtihiex lil wiehed iehor, **lanqas** tifhiri lill-immagnijiet skolpiti. Isaija 42:8.

**Lanqas** tkunu idolatri, bhal ma kienu x'uhud minnhom. 1 Korintin 10:7

U xi ftehim hemm bejn it-tempju t'Alla u **l-idoli**? Ghax intom it-tempju t'Alla haj; bhal ma qal Alla: Nghammar fosthom, u nimxi fosthom, u nkun Alla taghhom, u huma jkunu l-poplu tieghi. 2 Korintin 6:16.

Dortu lejn Alla **mill-idoli** biex taqdu 'l Alla haj u veru. 1 Tessalonkin 1:9.

Harsu ruhkom **mill-idoli**. Amen. 1 Gwann 5:21.

Lanqas ma nidmu mill-ghemil hazin ta' idejhom, biex ma jqimux id-demonji, u **l-idoli** tad-deheb, u tal-fidda, u tal-bronz, u tal-gebel, u tal-ghawied: li la jaraw, u la jisimghu, u lanqas jimxu. Ir-Rivelazzjoni 9:20.

- Ghandna noqghodu attenti li ma nidhlux f'kuntatt ma' min ma jemminx bhalna, jew ghandna nkunu nafu kif ghandna **nwiegbu**?

Ha jkun kliemkom dejjem bil-grazzja, imhawwar bil-melh, biex tkunu tafu kif ghandkom **twiegbu** lil kulhadd. Kolossin 4:6.

Garrbu kollox: **zommu** shih dak li hu tajjeb. 1 Tessalonkin 5:8.

Imma qaddsu lill-Mulej Alla f'qalbkom: u kunu dejjem imhejjin biex **twiegbu** lil kull min jistaqsikom il-ghala tat-tama li ghandkom fikom, bil-hlewwa u bil-biza'. 1 Pietru 3:15.

- Ghandna bzonn lil min **iraxxaxna** bl-ilma biex **iberikna**?

Gesu'… biex **iberikkom**, u jdawwar lil kull wiehed minnkom mill-hazen tieghu. Atti 3:26.

Fil-milja **tal-barka** ta' l-Evangelju ta' Kristu. Rumani 15:29.

Sidna Gesu' Kristu, li **berikna**… b'kull **barka** spiritwali fis-smewwiet. Efesin 1:3.

U lejn Gesu' l-medjatur ta' rabta gdida, u lejn id-demm **tat-traxxix**, li jghid hwejjeg ahjar mid-demm t'Abel. Lhud 12:24.

Mahturin skond il-gharfa minn qabel t'Alla l-Missier, bit-taqdis ta' l-Ispirtu, biex jisimghu minn Gesu' Kristu, u **jitraxxu** b'demmu: Grazzja lilkom, u sliem bil-kotra. 1 Pietru 1:2.

- Ghandna bzonn lil min izidilna **l-incens** mat-talb taghna?

Bwieqi tad-deheb mimlijin **bl-incens**, li huma t-talb tal-qaddisin. Ir-Rivelazzjoni 5:8.

U d-duhhan ta' **l-incens**, li gie mat-talb tal-qaddisin, tala' quddiem Alla. Ir-Rivelazzjoni 8:4.

- Ghandna bzonn lil min **jidlikna** biz-zejt biex **jikkonsagrana** lil Alla?

Dak li… **kkonsagrana**, hu Alla. 2 Korintin 1:21.

Imma intom ghandkom **id-dlik** mill-Qaddis [Gesu' Kristu], u tafu kollox… Imma **d-dlik** li hadtu minn ghandu [Gesu' Kristu] jibqa' fikom, u ma tahtigux lil haddiehor ighallimkom. Imma billi **d-dlik** tieghu jghallimkom fuq kollox, ghax hu veru, u mhux gidba, u billi Hu ghallimkom, ibqghu fih. 1 Gwann 2:20, 27.

- Min Hu **d-dawl** taghna?

**Dawl** [Gesu' Kristu], biex il-bnedmin kollha jemmnu bih… **id-Dawl** tassew, li jdawwal lil kull bniedem li jigi fid-dinja. Gwann 1:7, 9.

Imbaghad Gesu' raga' kellimhom, billi qal: Jiena hu **d-dawl** tad-dinja: min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam, imma jkollu **d-dawl** tal-hajja. Gwann 8:12.

Jiena [Gesu’] **d-dawl** tad-dinja. Gwann 9:5.

Imbaghad qalilhom Gesu’… imxu waqt li ghandkom **id-dawl**… emmnu **fid-dawl**, biex tkunu wlied **id-dawl**. Gwann 12:35-36.

Kull ghotja tajba, u kull ghotja perfetta gejja mill-gholi, niezla minghand il-Missier **tad-dwal**, li fih m’hemm ebda tibdil, u lanqas dell ta’ dawran. Gakbu 1:17.

Alla hu **dawl**, u fih m’hemmx dlam. 1 Gwann 1:5.

U l-belt ma kellhiex bzonn la ta’ xemx, u la ta’ qamar, biex jiddu fiha: ghax il-glorja t’Alla kienet **iddawwalha**, u l-Haruf hu **l-musbieh** taghha. Ir-Rivelazzjoni 21:23.

U ma jkunx hemm aktar lejl hemm; u ma jkollhomx bzonn dawl ta’ musbieh, lanqas dawl tax-xemx; ghax il-Mulej Alla jaghtihom **id-dawl**: u huma jsaltnu ghal dejjem ta’ dejjem. Ir-Rivelazzjoni 22:5.

- Ghandna bzonn nuzaw musbieh jew xemgha **ghad-dawl**, biex nigglorifikaw lil Alla?

Intom **id-dawl** tad-dinja. Belt li qieghda fuq gholja ma tistax tinheba. Lanqas jixghelu l-musbieh l-bnedmin, u jqeghduh taht kejl, imma fuq l-imnara; u hu jdawwal lil dawk kollha li huma fid-dar. Ha jiddi hekk **dawlkom** quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-ghemejjel tajba taghkom, u jigglorifikaw lil Missierkom li qieghed fis-smewwiet. Mattew 5:14-16.

Ghax intom kontu darba dlam, imma issa intom **dawl** fil-Mulej: imxu bhala wlied **id-dawl**. Efesin 5:8.

Intom ilkoll ulied **id-dawl** [il-Mulej]… ahna m’ahniex… tad-dlam. 1 Tessalonkin 5:5.

Is-seba’ **kandelabri** li rajt huma s-seba’ knejjes. Ir-Rivelazzjoni 1:20.

- Gerusalemm jew **il-genna**, hi l-art imqaddsa ghall-Kristjan?

U Gesu’ qallu: Nghidek is-sewwa li llum tkun **fil-genna** mieghi. Luqa 23:43.

Qalilha Gesu’: Emminni, mara, is-siegha tasal, meta u la fuq dil-muntanja, u **lanqas** f’Gerusalemm, ma taghtu qima lill-Missier. Gwann 4:21.

Imma Gerusalemm ta’ **fuq** hi hielsa, u hi ommna lkoll. Galatin 4:26.

Ghax ic-cittadinanza taghna hi **fis-sema**; minn hemm ukoll ahna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Gesu’ Kristu. Filippin 3:20

Imma issa jixtiequ pajjiz ahjar, jigifieri wiehed **tas-sema**; ghalhekk Alla ma jisthix jissejjah Alla taghhom: ghax hejjilhom belt. Lhud 11:16.

Il-belt t’Alla l-haj, Gerusalemm **tas-sema**. Lhud 12:22.

Ghax hawn ma **ghandniex** belt li tibqa’, imma nfittxu l-ohra li ghad trid tigi. Lhud 13:14.

Madankollu ahna, skond il-weghda tieghu [t’Alla], nistennew **smewwiet** godda, u art gdida, li fihom ighammar il-haqq. 2 Pietru 3:13.

Isem il-belt t’Alla tieghi, li hi Gerusalemm il-gdida, li tinzel **mis-sema**, minghand Alla tieghi. Ir-Rivelazzjoni 3:12.

Il-belt qaddisa, Gerusalemm gdida, niezla minghand Alla **mis-sema**… Il-belt il-kbira, Gerusalemm il-qaddisa, niezla **mis-sema** minghand Alla. Ir-Rivelazzjoni 21:2, 10.

- Min kienu **l-evangelisti**? [bil-Grieg eu tfisser tajjeb, angelos tfisser messaggier.]

Ghandna l-erba' evangelisti:

**Mattew**, **Mark**, **Luqa** u **Gwann**.

U l-ghada ahna li konna ma' Palwu tlaqna, u gejna Cesarija: u dhalna fid-dar ta' **Filippu** l-evangelista, li kien wiehed mis-sebgha [djakni] u qaghdna ghandu. Atti 21:8.

Izda int [Pawlu lil **Timotju**] iftah ghajnejk f'kollox, sofri t-tbatijiet, ghamel ix-xoghol ta' evangelista, aqdi sewwa l-ministeru tieghek. 2 Timotju 4:5.

**5.Holqien**

- Hemm gherf **falz**, u gherf **veru**?

O Timotju, hares dak li hu moghti f'idejk, billi tahrab it-tlablib hazin u fieragh, u t-tmerijiet ta' gherf **falz**. Li x'uhud li jipprofessawh tbieghdu mill-fidi. Il-grazzja maghkom. Amen. 1 Timotju 6:20-21.

- Taht l-art hawn **hazniet** ta' ilma?

Inkissru **l-ghejun** kollha tal-qiegh. Genesi 7:11.

- L-univers **mimli** stilel?

Hu [Alla] li halaq lil **Arkturus**, lil **Orjon**, u lil **Plejadi.** Gob 9:9.

Bhal ma **jistax** jinghadd l-ezerctu tas-sema. Geremija 33:22.

- Id-dinja hi **fl-arja**?

**Idendel** l-art fuq ix-xejn! Gob 26:7.

- Id-dinja hi **tonda**?

Hu [Alla] li jghammar fuq **id-dawra** ta' l-art. Isaija 40:22.

- Jezisti **c-ciklu** ta' l-ilma?

Alla… Jaghlaq **l-ilmijiet** fis-shab ohxon tieghu; u s-shab ma jinqasamx bih! Gob 26:8.

Ghax Hu [Alla] jigbed il-qtari ta' **l-ilma**, u jdewweb il-fwar tieghu f'xita. Gob 36:27.

Ir-rih jonfoh lejn in-nofsinhar, imbaghad idur lejn it-tramuntana; idur, idur, biex jarga' jibda l-istess dawrien tieghu. **Ix-xmajjar** kollha jigru lejn **il-bahar**; izda **l-bahar** ma jfur qatt; lejn l-imkien mnejn jigru **x-xmajjar**, hemm jergghu jigru. Ekklezjazti 1:6-7.

- Ic-centru tad-dinja hu **artab** u **shun**?

Mill-art… fil-vixxri taghha **mqallba** qisu **bin-nar**. Gob 28:5.

- Tezisti **l-pressjoni** ta' l-arja?

Alla ta lir-rih **it-toqol** tieghu. Gob 28:25.

- F'qiegh il-bahar hemm **gholjiet** u **widien**?

L-ilmijiet dawruni, imqar sa ruhi: **l-abbiss** kebbibni, il-haxix tal-bahar tkebbeb madwar rasi. Inzilt f'qiegh **il-muntanji**. Gona 2:5, 6.

Hu [il-Mulej] jigbor l-ilmijiet tal-bahar qishom **f'munzell**, u **l-abbissi** iqeghidhom f'imhazen. Salmi 33:7.

- Hemm **il-kurrenti** ta' l-oceani?

It-tjur ta' l-ajru, u l-hut tal-bahar, u kulma jghaddi minn **moghdijiet** l-ibhra. Salmi 8:8.

- Jezistu annimali **kbar**?

**Mostru** tal-bahar. Gob 7:12.

L-irjus **tal-Levjatan**. Salmi 74:14.

- Il-bniedem hu l-aktar **intelligenti** mill-holqien?

Alla… jaghtina aktar **dehen** mill-bhejjem ta' l-art, u jaghmilna aktar **ghorrief** mit-tjur tas-sema. Gob 35:11.

**Mhux** kull laham hu l-istess laham: imma hemm il-laham tal-bnedmin, iehor tal-bhejjem, iehor tal-hut, u iehor tat-tjur. Hemm ukoll l-igsma tas-sema, u l-igsma ta' l-art: izda l-glorja ta' l-igsma tas-sema hi haga; u l-glorja ta' l-igsma ta' l-art hi ohra. Hemm glorja tax-xemx, u glorja ohra tal-qamar, u glorja ohra tal-kwiekeb: ghax kewkba ma taqbilx ma' kewkba ohra fil-glorja. 1 Korintin 15:39-41.

- Ghal holqien kien hemm bzonn ta' **Hallieq**?

Bil-kelma tal-Mulej kienu **maghmulin** is-smewwiet; u l-ezerctu taghhom kollu bin-nifs ta' fommu… Ghax hu tkellem, u hi [l-art, id-dinja] saret; Hu ordna, u hi twaqqfet. Salmi 33:6, 9.

Il-Mulej… Hu li **ghamel** is-sema u l-art. Salmi 121:2, 4, 7.

Kien [Gesu' Kristu] fid-dinja, u d-dinja **saret** bih; u d-dinja ma gharfitux. Gwann 1:10.

U meta semghu dan, ghollew lehinhom ghalenija lejn Alla, u qalu: Mulej, int Alla, li **ghamilt** is-sema, u l-art, u l-bahar, u kulma fihom. Atti 4:24.

Alla l-haj, li **ghamel** is-sema, u l-art, u l-bahar, u kulma fihom. Atti 14:15.

Alla li **ghamel** id-dinja u l-hwejjeg kollha li fiha, billi ra li hu Sid is-sema u l-art, ma jghammarx f'tempji maghmulin bl-idejn. Atti 17:24.

Ghax bih [il-Mulej] kienu **mahluqin** il-hwejjeg kollha, li huma fis-sema, u li huma fuq l-art, li jidhru u li ma jidhrux. Kolossin 1:16.

U, Int, Mulej, fil-bidu **qeghidt** is-sisien ta' l-art; u xoghol idejk huma s-smewwiet. Lhud 1:10.

Bil-fidi ahna nifhmu li d-dinjiet **saru** bil-Kelma t'Alla; ghalhekk il-hwejjeg li jidhru ma sarux minn hwejjeg li jidhru. Lhud 11:3.

Alla… **il-Hallieq** fidil. 1 Pietru 4:19.

Bil-Kelma t'Alla **ilhom** hemm is-smewwiet. 2 Pietru 3:5.

O Mulej… int **hlaqt** kollox, u bir-rieda tieghek saru u nholqu. Ir-Rivelazzjoni 4:11.

Alla… li **halaq** is-sema, u l-hwejjeg li hemm fih, u l-art, u l-hwejjeg li fiha; u l-bahar, u l-hwejjeg li fih. Ir-Rivelazzjoni 10:6.

Alla… dak li **ghamel** is-sema, u l-art, u l-bahar, u l-ghejun ta' l-ilmijiet. Ir-Rivelazzjoni 14:7.

- Gesu' u l-Kristjani rieduna nahsbu **fl-ezempji** u **l-gheliem** bhal Adam u Abel, Noe' u l-arka, Lot u martu, Sodoma u Gomorra, Gona u l-balena?

U wiegeb [Gesu'], u qalilhom: Ma qrajtux, li Dak li **mill-bidu** halaqhom ghamilhom ragel u mara? Mattew 19:4; Mark 10:6.

U Gesu' nnifsu, meta beda, kellu madwar tletin sena, u [kif kienu jahsbu] li kien bin Guzepp… li kien bin **Adam**, li kien bin Alla. Luqa 3:23, 38.

Madankollu l-mewt hakmet minn **Adam** sa Mose'. Rumani 5:14.

Ghax bhalma **f'Adam** kulhadd imut, hekk ukoll kulhadd jarga' jiehu l-hajja fi Kristu. 1 Korintin 15:22.

U hekk hu miktub: L-ewwel bniedem **Adam** sar ruh hajja; l-ahhar Adam [il-Mulej] sar spirtu li jaghti l-hajja. 1 Korintin 15:45.

Ghax **Adam** kien imsawwar l-ewwel, imbaghad Eva. U ma kienx imqarraq **Adam**; izda billi l-mara kienet imqarrqa saret hatja. 1 Timotju 2:13-14.

Mid-demm t'**Abel** ragel sewwa sad-demm ta' Zakkarija, bin Barakija. Mattew 23:35, Luqa 11:51.

Bil-fidi **Abel** offra 'l Alla. Lhud 11:4.

Hwejjeg ahjar mid-demm **t'Abel**. Lhud 12:24.

Izda bhal ma kien fi zmien **Noe'**, hekk tkun ukoll il-migja ta' Bin il-bniedem… sal-jum li fih **Noe'** dahal **fl-arka**. Mattew 24:37-38; Luqa 17:26-27.

U Gesu' nnifsu… li kien bin Guzep… li kien bin **Noe'**… Luqa 3:23, 36.

Bil-fidi **Noe'**, mgharraf minn Alla fuq hwejjeg li kienu ghadhom ma dehrux, mqanqal bil-biza', lesta **arka**. Lhud 11:7.

Lil dawk li darba ma obdewx, meta s-sabar t'Alla kien jistenna fi zmien **Noe'**, waqt li **l-arka** kienet qieghda tinbena. 1 Pietru 3:20.

Imma salva tmienja min-nies, fosthom **Noe'**, li kien ixandar il-haqq. 2 Pietru 2:5.

Hekk ukoll gara fi zmien **Lot**… hareg **Lot** minn **Sodoma**… Ftakru **f'mart Lot**. Luqa 17:28-29, 32; 10:12: Mattew 10:15, 11:23-24: Mark 6:11.

Il-belt ta' **Sodoma** u **Gomorra**… iservu ta' ezempju lil dawk li jghixu fil-hazen… U heles 'il **Lot** gust, imnikket mill-imgiba fahxija ta' nies hziena. 2 Pietru 2:6-7.

Bhal **Sodoma** konna nsiru, u **'l Gomorra** konna nixbhu. Rumani 9:29.

Hekk ukoll **Sodoma u Gomorra**, u l-bliet ta' madwarhom. Guda 1:7.

Hlief il-ghelm ta' **Gona** l-profeta: Ghax kif **Gona** kien ghal tlitt ijiem u tlitt iljieli f'zaqq **il-baliena**; hekk Bin il-Bniedem ikun tlitt ijiem u tlitt iljieli f'qalb l-art. Mattew 12:40, 16:4.

Il-ghelm tal-profeta **Gona**. Mattew 16:4; Luqa 11:29-30, 32.

- Haddiehor jew **Mose' kiteb** il-hames kotba: il-Genesi, l-Esodu, il-Levitku, in-Numri u d-Dewteronomju?

U wiegeb [Gesu'], u qalilhom: X'ordnalkom **Mose'**?… U wiegeb Gesu', u qalilhom… **kitbilkom** dal-precett. Mark 10:3, 5.

Mghallem [Gesu'], **Mose' kitbilna**… U dwar il-mejtin, li jqumu; ma qrajtux **fil-ktieb ta' Mose'**, kif Alla tkellem mieghu qalb il-gholliq, billi qal: Jien hu Alla. Mark 12:19, 26.

Billi qalu: Mghallem [Gesu'], **Mose' kitbilna**… Luqa 20:28.

U qalilhom Gesu’]: Dawn huma l-kelmiet li ghidtilkom, meta kont ghadni maghkom, li jahtieg li jsehhu l-hwejjeg kollha, li **nkitbu fil-ligi ta’ Mose’**, u fil-profeti, u fis-salmi, fuqi. Luqa 22:44.

Filippu sab ‘il Natanael, u qallu: Sibna lil dak, li minnu **Mose’** fil-ligi, u l-profeti, **kitbu**: Gesu’ minn Nazaret, bin Guzepp. Gwann 1:45.

Ghax kieku emmintu ‘l **Mose’**, kontu temmnu lili; ghax hu **kiteb** fuqi. Izda jekk ma temmnux **il-kitba tieghu**, kif temmnu kliemi? Gwann 5:46-47.

Ghax **Mose’ kiteb** fuq il-haqq. Rumani 10:5.

- Il-Lhud qasmu ix-xmara tal-qasab jew **il-Bahar l-Ahmar**? Fl-Iskrittura nsibu l-kliem **xmara** u **qasab**, kieku l-kittieb ried jikteb hekk?

Hu [Alla] li harighom, wara li kien ghamel ghegubijiet u gheliem fl-art ta’ l-Egittu, u fil-bahar **l-Ahmar**, u fid-dezert ghal erbghin sena. Atti 7:36.

Barra minn dan, huti, ma rridkomx li ma tkunux tafu, kif missirijietna kollha kienu taht is-shaba, u kollha qasmu **l-bahar**. 1 Korintin 10:1.

Bil-fidi qasmu **l-bahar l-Ahmar** qisu art niexfa. Lhud 11:29.

U **xmara** kienet tohrog minn Gheden biex isaqqi l-gnien; u minn hemm kienet tinqasam, u ssir erba’ frieghi. Genesi 2:10.

U hadhom [Gakobb], u ghaddihom **ix-xmara**, u ghadda kulma kellu. Genesi 32:23.

Issa gara fis-sena tletin, fil-hamsa tax-xahar, tar-raba’ xahar, xhin kont qalb l-eziljati hdejn **ix-xmara** Kebar. Ezekjel 1:1.

U tghammdu minnu [Gwanni l-Battista] **fix-xmara** Gurdan, huma u jistqarru dnubiethom. Mattew 3:6, Mark 1:5.

Hrigna [Pawlu u ohrajn] barra mill-belt hdejn xatt ta’ **xmara**. Atti 16:13.

U huma u sejrin, qabad Gesu’ jghid lill-gmieghi tan-nies fuq Gwanni: Xi hrigtu taraw fid-dezert? **Qasba** tixxejjer mar-rih? Mattew 11:7; Luqa 7:24.

Gesu’… **Qasba** mgelgla ma jaqsamx, u ftila ddahhan ma jitfix, sama jgib il-haqq ghar-rebha. Mattew 12:20.

Is-suldati tal-gvernatur… wara li dafru kuruna tax-xewk, qeghduha fuq rasu, u **qasba** f’idu l-leminija… u hadu **l-qasba**… Mattew 27:29-30; Mark 15:19.

U minnufih wiehed minnhom gera, u ha sponza, u mlieha bil-hall, u qieghdha fuq **qasba**, u tah jixrob. Mattew 27:48; Mark 15:36.

**<u>6. Mirakli</u>**

- Il-Mulej kien jidher biex in-nies jemmnu, peress li ma kienx miktub **it-Testment il-Gdid**?

Ghax il-profeti kollha u l-ligi **habbru** sa’ Gwanni. Mattew 11:13; Luqa 16:16.

U malli rawh [lil Gesu’], qimuh: izda whud **thassbu**. Resaq Gesu’ u kellimhom, billi qal: Kull setgha hi moghtija lili fis-sema u fl-art. Mattew 28:17-18.

Wara deher [Gesu’] lill-hdax, huma u qeghdin fuq il-mejda, u canfarhom **ghan-nuqqas** ta’ twemmin, u ghall-ebusija ta’ qalbhom: ghax **ma emmnux** lil dawk li kienu rawh wara li kien qam. Mark 16:14.

U nfethu ghajnejhom, u **gharfuh**; u Hu [Gesu'] **ghab** minn quddiem ghajnejhom. U qalu wiehed lil iehor: Ma kenitx qalbna tixghel fina, fil-waqt li kien ikellimna fit-triq, u jifthilna l-Iskrittura [t-Testment l-Antik]? Luqa 24:31-32.

Imbaghad qal [Gesu'] 'il Tumas: Gib sebghek hawn, u ara idejja; u gib idek, u dahhalha f'genbi; u la **tkunx bla fidi**, izda **emmen**. Gwann 20:27.

- Il-Mulej kien iwettaq il-Kelma mitkellma bl-gheliem u l-ghegubijiet, peress li ma kienx miktub **it-Testment il-Gdid**?

U keccew hafna demonji, u dilku biz-zejt hafna li kienu morda, u **fejquhom**. Mark 6:13.

U dawn l-gheliem imorru wara dawk li jemmnu: F'ismi [Gesu'] jkeccu d-demonji; u jitkellmu b'ilsna godda; Jaqbdu s-sriep; u jekk jixorbu xi haga li taghti l-mewt, ma taghmlilhomx deni; imiddu idejhom fuq il-morda, u jfejquhom. Imbaghad wara li kellimhom, il-Mulej irtafa' fis-sema, u qaghad fil-leminija t'Alla. U huma telqu, u xandru ma' kullimkien, waqt li l-Mulej baqa' jahdem maghhom, billi **wettaq** il-kelma, bl-gheliem li saru wara. Amen. Mark 16:17-20.

U issa, Mulej… aghti lill-qaddejja tieghek, li **jitkellmu** kelmtek bil-qlubija kollha, Billi tmid idek biex tfejjaq; u jsiru gheliem, u ghegubijiet, f'isem… Gesu'. Atti 4:29-30.

Zmien twil mela damu jitkellmu bla biza' fuq il-Mulej, li kien jaghti **xhieda** lill-kelma tal-grazzja tieghu, u halla jsiru minn idejhom gheliem u ghegubijiet. Atti 14:3.

Permezz ta' gheliem kbar u ghegubijiet, bis-setgha ta' l-Ispirtu t'Alla: hekk li minn Gerusalemm, dawramejt sa l-Illirja, sehh bija **x-xandir** ta' l-Evangelju ta' Gesu'. Rumani 15:19.

Hemm xi hadd fostkom marid? Ha jsejjah lix-xjuh tal-knisja: u ha jitolbu ghalih, wara li jkunu dilkuh biz-zejt f'isem il-Mulej: U t-talb tal-fidi jsalva l-marid, u l-Mulej **iqajmu**; u jekk ikun ghamel xi dnubiet, jinhafrulu. Gakbu 5:14-15.

- L-Ispirtu s-Santu kien jigi bl-gheliem u l-ghegubijiet, peress li ma kienx miktub **it-Testment il-Gdid**?

U f'daqqa wahda gie mis-sema hoss bhal ta' **rih** qawwi, u mela d-dar kollha ta' fejn kienu qeghdin. U hemm dehrulhom ilsna mifruqin qishom tan-nar, li qaghdu fuq kull wiehed minnhom. U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, u bdew jitkellmu **b'ilsna** ohra, kif l-Ispirtu kien jaghtihom li jitkellmu. Atti 2:2-4.

Lilu l-profeti kollha jixhdu, li dawk kollha li jemmnu fih jaqilghu l-mahfra ta' dnubiethom b'ismu. Kif Pietru kien ghadu jitkellem dal-kliem, waqa' l-Ispirtu s-Santu fuq dawk kollha li kienu jisimghu l-kelma…. Ghax semghuhom jitkellmu **b'ilsna**, u jfahhru 'l Alla. Atti 10:43-46.

- Ghandna nemmnu d-dehriet u l-prezenzi, wara li kien miktub **it-Testment il-Gdid**?

Imbaghad jekk xi hadd ighidilkom: Ara, hawn hu Kristu; jew, ara, hemm hu; la **temmnuhx:** Ghax iqumu Kristijiet foloz, u profeti foloz, u juru gheliem u ghegubijiet, biex iqarqu, jekk jista' jkun, bil-mahturin ukoll. Izda harsu sewwa: ara, jien ghidtilkom kollox minn qabel. Mark 13:21-23.

Ahna nittamaw ghal dak li ma **narawx**. Rumani 8:25.

Waqt li ahna ma **nharsux** lejn il-hwejjeg li jidhru, imma lejn il-hwejjeg li ma jidhrux: ghax dawk li jidhru huma ta' zmien qasir; izda l-hwejjeg li ma jidhrux huma eterni. 2 Korintin 4:18.

Issa l-fidi hi… il-prova tal-hwejjeg li ma **jidhrux**. Lhud 11:1.

Gesu' Kristu: Li thobbuh, ghalkemm ma **rajtuhx**; li temmnu fih, bla **ma tarawh** issa, u tifirhu b'ferh li ma jitfissirx u mimli glorja. 1 Pietru 1:7-8.

- Ghandna nemmnu l-gheliem u l-ghegubijiet, wara li kien miktub **it-Testment il-Gdid**?

Meta jqum fostkom xi profeta, jew xi halliem il-holm, u jaghmel quddiemek xi ghelm jew xi miraklu, U l-ghelm u l-miraklu, li fuqhom kellmek, isiru… La **tismax** il-kliem ta' dak il-profeta, jew ta' dak il-halliem il-holm: ghax il-Mulej, Alla taghkom, ikun garrabkom, biex ikun jaf jekk thobbux il-Mulej, Alla taghkom, b'qalbkom kollha, u b'ruhkom kollha. Dewteronomju 13:1-3.

L-imhabba qatt ma tintemm: izda l-profeziji **jghibu**; u **jisktu** l-ilsna, u **jghib** il-gherf. Ghax ahna ma nafux kollox: ma nipprofitizzawx kollox. Izda meta jigi dak [bl-Ingliz that] li hu shih [bil-Grieg teleios - il-Ktieb shih u perfett tal-Kelma t'Alla komplut], imbaghad dak li hu nieqes ighib. 1 Korintin 13:8-10.

- Ghandna nemmnu lil min jghallem differenti **mit-Testment il-Gdid**?

U wiegeb Gesu', u qalilhom: Araw li hadd ma **jqarraq** bikom. Mattew 24:4, Mark 13:5, Luqa 21:8.

U nghid dan, biex hadd ma **jqarraq** bikom bi kliem li jigbidkom ghal mieghu. Kolossin 2:4.

Ghax hargu barra fid-dinja hafna profeti **qarrieqa**. 1 Gwann 4:1.

U, ara, huma [l-imxajtna] ghajtu, ighidu: **X'ghandna x'naqsmu mieghek**, Gesu' Bin Alla? Mattew 8:29.

Ghajjat [l-imxajtan], u nxtehet quddiemu u qal b'lehen qawwi: **X'hemm bejni u bejnek**, Gesu' Bin Alla l-Gholi? Luqa 8:28

U ghajjat [l-imxajtan] b'lehen gholi, u qal: **X'ghandi x'naqsam mieghek**, Gesu' Bin Alla l-oghla? Mark 5:7.

Gesu' qalilha: Mara [omm Gesu'], **x'ghandi x'naqsam mieghek**? Gwann 2:4.

Qallu mbaghad Gesu' [lix-xitan]: **Itlaq 'il hemm**, Satana. Mattew 4:10.

U wiegeb Gesu', u qallu [lix-xitan]: **Lura minni**, Satana. Luqa 4:8.

Imma hu [Gesu'] dar, u qal 'il Pietru: **Lura minni**, Satana. Mattew 16:23.

Izda wara li dar [Gesu'] u hares lejn id-dixxipli tieghu, canfar 'il Pietru, billi qal: **Lura minni**, Satana. Mark 9:33.

- Min Hu **s-sellum** tieghek ghas-sema?

U holom: u jara **sellum** wieqaf fl-art, u rasu tilhaq *sas-sema*: u, ara, *l-angli t'Alla kienu telghin u nezlin fuqu*. Genesi 28:12.

U qallu: Tassaw, tassew, nghidilkom: Intom ghad taraw *is-sema* miftuh, u *l-angli t'Alla telghin u nezlin fuq* **Bin il-bniedem**. Gwann 1:51.

- Obdi lil **Gesu'**!

Imberkin dawk li jgibu **l-paci**; ghax ghad jissejhu wlied Alla. Mattew 5:9.

Izda jien nghidilkom: **Hobbu** lill-ghedewwa taghkom, bierku lil dawk li jishtukom, aghmlu l-gid lil dawk li joboghdukom, u itolbu ghal dawk li jahqrukom, u jippersegwitawkom. Mattew 5:44, Luqa 6:27-28.

Qallu mbaghad Gesu': Arga' qieghed sejfek **f'postu**; ghax dawk kollha li jaqbdu s-sejf jintilfu bis-sejf. Mattew 26:52.

Ghax Bin il-bniedem [Gesu'] ma giex biex jeqred il-hajja tal-bnedmin, izda biex biex **isalvahom**. U marru f'rahal iehor. Luqa 9:56.

Il-halliel ma jigix, hlief biex jisraq, u joqtol, u jeqred: jien [Gesu'] gejt biex ikollhom **il-hajja**, u jkollhom izjed bil-kotra. Gwann 10:10.

Kmandament gdid naghtikom: Li **thobbu** lil xulxin; bhal ma **habbejtkom** jien [Gesu'], **hobbu** intom ukoll lil xulxin. B'dan jaghraf kulhadd li intom dixxipli tieghi, jekk ghandkom **l-imhabba** lejn xulxin. Gwann 13:34-35.

Dan hu l-kmandament tieghi; Li **thobbu** lil xulxin, bhal ma habbejtkom jiena… Dan li nikkmandakom: li **thobbu** lil xulxin. Gwann 15:12, 17.

---

Miktub minn Renald Williams.
Jekk tixtieq aktar letteratura Kristjana,
ibghat SMS lil Renald fuq 79280325;
jew zur dawn il-websites:
www.tecmalta.org/malti.htm
www.justforcatholics.org/malti.htm

---